MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2011

Appell Kriminali Numru. 438/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Mark Micallef**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Mark Micallef talli f'dawn il-Gzejjer, f'hanut bl-isem ta' "Shoe Market" li jinsab fi Triq il-Hgejjeg, San Gwann, fl-1 ta' April 2005 u fil-granet u fix-xhur ta' qabel, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

(1) iffalsifika, jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh jew prodott ta' industrija jew manifattura, jew xjentement

ghamel uzu ta’ sinjali, tabelli jew emblemi li jkun fihom indikazzjoni li tista tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew bejgh tali merkanzija; jew xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghal hsieb ta’ kummerc, merkanzija b’marka, sinjal jew emblema imxebbhin b’qerq u cioe` basktijiet u accessorji bil-marki tad-ditta Louis Vuitton (dan bi ksur ta’ l-Artikoli 298 (1) (a) (b) (c) (f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta);

(2) fl-istess data, lok u cirkostanzi, bi qliegh jew bi skop ta’ kummerc, stampa, immanifattura, idduplika, jew mod iehor ipproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bil-ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta’ l-awtur li jkollha persuna ohra protetti bil/jew taht il-ligi ta’ Malta (dan bi ksur ta’ l-Artikolu 298 B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

(3) fl-istess perijodu, bil-ghan li jiehu vantagg ghalih innifsu jew ghal persuna ohra, jew bil-hsieb li jikkaguna telf lil xi persuna ohra, u minghajr il-kunsens tal-proprjetarju applika fuq oggetti jew fuq ippakkettjar taghhom sinjal identiku ghal, jew li x’aktarx jithawwad ma trademark registrata, jew biegh jew kreja, offra jew espona ghall-bejgh jew kiri jew qassam oggetti li kellhom fuqhom, jew li l-ippakkettjar taghhom kellu fuqu, sinjal bhal dak (dan bi ksur ta’ l-Artikolu 72 (1) tal-Kap. 416 tal-Ligijiet ta’ Malta);

Il-Qorti giet mitluba sabiex skond id-diskrezzjoni taghha, f’kaz ta’ htija, thassar il-licenzja jew inkella tissospendi tali licenzja ghal xi zmien, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 31 tal-Kap. 441 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta’ htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-ligi, tordna wkoll il-konfiska u d-distruzzjoni ta’ l-oggetti kollha esebiti;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lil Mark Micallef ghall-hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti jew periti fil-proceduri hekk kif

ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-8 ta' Ottubru 2010 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-artikolu 72(1)(b) tal-Kap. 416 tal-Ligijet ta' Malta, sabet lill-imsemmi Mark Micallef hati tat-tielet imputazzjoni u kkundannatu ghal multa ta' elf u hames mitt euro (€1500). Inoltre ma sabitux hati ta' l-ewwel u tat-tieni imputazzjoni u lliberatu minnhom. L-ewwel Qorti ordnat il-konfiska u d-distruzzjoni ta' l-oggetti mmarkati bhala Dok. AD1 u ddikjarat li ma kinitx se tapplika l-provvedimenti ta' l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali stante li n-nomina ta' l-espert ma kinitx mehtiega;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Mark Micallef pprezentat fid-19 ta' Ottubru 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn illiberatu mill-ewwel zewg imputazzjonijiet u m'applikatx fil-konfront tieghu l-provvedimenti tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali in rigward tal-ispejjez tan-nomina tal-espert tekniku, tirrevokaha f'dik il-parti fejn gie misjub hati tat-tielet imputazzjoni u tilliberah minn kull htija u piena;

Rat ir-rikors ta' appell tal-Avukat Generali pprezentat fid-19 ta' Ottubru 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi:

(a) tikkonfermaha f'dik il-parti fejn illiberat lill-imputat appellat mit-tieni mputazzjoni, kif ukoll fejn sabitu hati tat-tielet imputazzjoni u kkundannatu ghal multa ta' elf u hames mitt euro (€1500), nonche` d-distruzzjoni tal-oggetti esebiti f'dan il-kaz;

(b) tirrevokaha u thassarha f'dik il-parti fejn illiberat lill-imputat mill-ewwel imputazzjoni, kif ukoll fejn m'applikatx il-provvediment taht l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali u minflok;

(c) issib lill-imputat hati ukoll tal-ewwel imputazzjoni u cioe` talli f'dawn il-Gzejjer, f'hanut bl-isem ta' "Shoe Market" li jinsab fi Triq il-Hgejjeg, San Gwann, fl-1 ta' April 2005 u fil-granet u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda kkommetta qerq fil-kummerc u l-industriji; u li

(d) tinfliggi kontra l-istess imputat appellat il-piena idoneja fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, nonche` l-konsegwenza imsemmija taht l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali kontra l-imputat appellat skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti sejra l-ewwel tittratta l-appell ta' l-Avukat Generali. L-aggravju tieghu hu li l-ewwel Qorti ghamlet applikazzjoni u interpretazzjoni zbaljata ta' l-ipotezi tal-ligi kif ukoll intrepretazzjoni zbaljata tal-fatti kif sehhew – dan fir-rigward ta' l-ewwel imputazzjoni u l-helsien ta' l-imputat appellat milli jhallas l-ispejjez ai termini ta' l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-Avukat Generali jghid li l-ewwel Qorti lliberat lill-imputat appellat mill-ewwel imputazzjoni minhabba l-fatt li l-prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-element formali tar-reat *de quo*, fis-sens li l-imputat appellat ma kellux l-intenzjoni li jinganna lill-konsumatur billi jispacca l-prodott impurtat minnu bhala wiehed originali Louis Vuitton. Skond l-Avukat Generali, pero` – li josserva li l-ewwel imputazzjoni hi bazata fuq l-paragrafi (c) u (f) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 298 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta – il-provi juru mod iehor. L-Avukat Generali difatti jissottometti li bl-att ta' esposizzjoni fil-hanut tieghu ta' l-oggetti *de quo* (bil-marki kjarament distintivi fuqhom li jixbhu hafna lil dawk tad-ditta Louis Vuitton) bi skop specifiku ta' bejgh u konsegwenti qliegh, l-imputat appellat (a) ghamel uzu, xjentement, ta' marka, sinjal, tabella jew

emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija; dan peress li mhux kontestat li fil-fatt il-marka jew sinjal *de quo* setghet facilment tqarraq bix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, kif ukoll li (b) pogga ghall-bejgh din il-merkanzija, b'din il-marka, sinjal jew emblema.

L-Avukat Generali jsostni li mill-provi jirrizulta wkoll li l-imputat appellat xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghal hsieb ta' kummerc, dawn l-oggetti li kienu kjarament merkanzija b'marka, sinjal jew emblema mxebbhin b'qerq. Jghid li jsibha difficli li jemmen li l-imputat appellat, li kien ilu zmien fil-*business*, u zgur f'dawk is-sentejn li kien ilu li fetah dawn ir-*retail stores*, ma kienx jaf jiddistingwi bejn marka originali u marka li mhix originali. Minn dak li xehdet Josephine Caruana jidher li mhux hi biss izda anke l-imputat appellat kien jaf liema kienu l-prodotti originali u liema ma kinux – fatt rifless ukoll fil-prezz tal-vendita. L-imputat appellat ghazel mhux biss li jimpurtahom izda anke li jqieghdhom ghall-kummerc.

L-Avukat Generali jzid jghid inoltre li mill-provi prodotti ma jirrizultax li c-cirkostanzi msemmija mil-ligi fl-artikolu 302 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'referenza ghar-reat taht l-artikolu 298(1)(f), gew pruvati kollha kumulattivament sal-grad tal-probabbli mill-imputat appellat. Itenni li sabiex l-imputat appellat ikun jista' jigi ritenut li ma agixxiex dolozament, huwa jrid jpprova sal-grad tal-probabbli li fil-fatt ikun wettaq dawk it-tliet cirkostanzi kollha kemm huma – u mhux biss xi wiehed, jew ghal massimu tnejn minnhom. Ghalhekk l-Avukat Generali jsibha difficli jifhem kif l-imputat appellat jista' jigi ritenut li ma mexiex dolozament ghall-fini ta' l-artikolu 298(1)(f) imsemmi.

L-ewwelnett irid jigi ccarat illi l-ewwel imputazzjoni kif migjuba kontra l-imputat appellat hi tahlita tal-paragrafi (a), (b), (c) u (f) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 298 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. L-Avukat Generali jaghmilha cara illi l-appell tieghu jirrigwarda dak li jiddisponi l-paragrafi (c) u (f). Effettivament ma hemm ebda provi ta'

falsifikazzjoni u ghalhekk huma rilevanti biss dawn iz-zewg paragrafi.

Skond il-paragrafu (c), huwa hati ta' reat kull min **"jaghmel uzu, xjentement, ta' marka, sinjal, tabella jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew ibiegh merkanzija, b'din il-marka, sinjal jew emblema"**. Bhall-ewwel Qorti, din il-Qorti mhijiex sodisfatta li l-imputat appellat ried iqarraq lix-xerrej, u dan ghax mill-provi ma jirrizultax illi pprova jbiegh l-oggetti in kwistjoni bhala tad-ditta *Louis Vuitton*.

Skond il-paragrafu (f), huwa hati ta' reat kull min **"xjentement iqieghed fic-cirkolazzjoni, ibiegh jew izomm ghandu ghall-bejgh jew jimporta ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal, jew emblema imxebbhin b'qerq"**. Issa, skond l-artikolu 302 hemm prezunzjoni li imputat ikun mexa dolozament fil-kazijiet imsemmija fl-artikolu 298(1)(f) sakemm ma jippruvax, naturalment imqar sal-grad tal-probabbli, li jezistu c-cirkostanzi elenkati fl-imsemmi artikolu 302.[1] Mill-provi ma jirrizultax illi l-imputat appellat ha l-prekawzjonijiet mehtiega biex jassigura ruhu li ma jiksirx id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (f) imsemmi. Huwa veru li fl-istqarrija tieghu lill-Pulizija l-imputat appellat qal li ma kienx jaf li l-oggetti huma allegatament imxebbhin mad-ditta *Louis Vuitton*. Mill-banda l-ohra mill-istess stqarrija ma jirrizultax li saqsa dwar il-provenjenza ta' dawn l-oggetti jew li talab xi certifikat ta' originalita`. Ghalhekk, in kwantu jirrigwarda l-imsemmi paragrafu (f), l-ewwel Qorti kellha ssib htija.

Ghal dak li jirrigwarda t-talba ta' l-Avukat Generali biex l-imputat appellat jigi kkundannat ihallas l-ispejjez peritali a tenur ta' l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

[1] "(a) illi, wara li ha l-prekawzjonijiet kollha mehtiega sabiex ma jiksirx id-disposizzjoni tal-paragrafu hawn fuq imsemmi, hu ma kellux, fiz-zmien li ghamel id-delitt li fuqu jkun akkuzat, ragun jahseb illi l-marka jew sinjal ma kinux veri; u
(b) illi, meta gie mistoqsi minn membru tal-Pulizija, huwa ta t-taghrif kollu li seta' jaghti dwar il-persuni li minn ghandhom gieb dik il-merkanzija; u
(c) illi mill-bqija huwa mexa bla hazen."

jirrizulta li l-ewwel Qorti ddecidiet li ma tapplikax il-provvedimenti ta' l-imsemmi artikolu 533 ghax ikkonkludiet li n-nomina ta' l-espert ma kinitx mehtiega f'dawn il-proceduri "stante li l-imputat qatt ma sostna li l-prodotti minnu mibjugha kienu originali, u cioe` tad-ditta *Louis Vuitton*". Mir-rizultanzi processwali dan hu korrett u konsegwentement din it-talba ta' l-Avukat Generali ma tistax tigi milqugha.

Din il-Qorti sejra issa tikkunsidra l-appell ta' Mark Micallef (minn hawn 'il quddiem "l-appellant Micallef"). L-aggravji ta' l-appellant Micallef huma fil-qosor is-segwenti: (1) li l-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-akkuza kif dedotta peress illi huwa gie akkuzat li kkommeta r-reat in kwistjoni fl-1 ta' April 2005 u fil-granet u fix-xhur ta' qabel, mentri l-prosekuzzjoni gabet biss provi dwar l-1 ta' April 2005; (2) li ma setax jinstab hati tar-reat kontemplat fl-artikolu 72(1) ta' l-Att dwar it-*Trademarks* peress li d-dicitura ta' l-istess artikolu 72, senjatament il-paragrafu (b) tas-subinciz (2) kif ukoll is-subinciz (3) tieghu, jezonerawh minn kwalsiasi responsabbilta` penali.

Kwantu ghall-<u>ewwel aggravju</u> ta' l-appellant Micallef, huwa jghid illi f'din il-kawza l-prosekuzzjoni gabet biss provi li jirrigwardaw l-1 ta' April 2005, id-data meta l-Pulizija accediet fil-hanut gestit minnu, u ma gabu ebda prova li r-reat li tieghu nstab hati gie kommess anke fil-granet u fix-xhur ta' qabel. Skond l-appellant, biex tirrizulta l-akkuza kif dedotta, trid issir il-prova li r-reat gie kommess kemm fl-1 ta' April 2005 kif ukoll fil-granet u fix-xhur ta' qabel, u dan ghax huwa gie akkuzat li kkommetta r-reat "fl-1 ta' April 2005 u fil-granet u fix-xhur ta' qabel" u mhux "fl-1 ta' April 2005 u/jew fil-granet u/jew fix-xhur ta' qabel".

Din il-Qorti tghid mill-ewwel li ma taqbilx ma' dan l-aggravju. Skond l-artikolu 360(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ic-citazzjoni ghandu jkun fiha, *inter alia*, il-partikolaritajiet ta' zmien li fih ikun sehh ir-reat. Fil-kaz odjern, il-parametri ta' zmien moghtija mill-prosekuzzjoni huma l-1 ta' April 2005 u l-granet u x-xhur ta' qabel dik id-data. Dan ma jfissirx illi trid issir il-prova li r-reat sehh matul il-perijodu kollu deskritt mill-prosekuzzjoni. Il-prova li

r-reat sehh f'aktar minn okkazjoni wahda jew f'aktar minn jum wiehed hi semmai rilevanti in kwantu jirrigwarda reat kontinwat; u f'dan il-kaz il-prosekuzzjoni akkuzat lill-appellant Micallef li r-reati addebitati lilu sehhew b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda. Jekk jirrizulta li reat ikun sehh f'okkazjoni wahda jew f'jum wiehed, imputat jinstab hati ta' hekk biss u mhux jigi lliberat ghax m'hemmx prova li r-reat kien wiehed kontinwat. *Il piu` comprende il meno*. Barra minn hekk mill-atti jirrizulta li l-oggetti in kwistjoni nxtraw fit-23 ta' Novembru 2004 (ara fattura a fol. 33) u wara gew importati f'Malta. Ghalhekk l-ewwel aggravju huwa michud.

Skond it-tieni aggravju ta' l-appellant Micallef, huwa ma seta' qatt jinstab hati tar-reat kontemplat fl-artikolu 72(1) ta' l-Att dwar it-*Trademarks* (Kap. 416 tal-Ligijiet ta' Malta). L-appellant Micallef isostni li d-dicitura tal-paragrafu (b) tas-subartikolu (2) kif ukoll is-subartikolu (3) ta' l-imsemmi artikolu 72 jezonerawh minn kwalsiasi responsabbilta` penali. Jghid li fl-istqarrijiet tieghu *a tempo vergine* u meta gie interrogat mill-Pulizija, huwa cahad li l-oggetti kienu tad-ditta *Louis Vuitton* u cahad li kien qieghed ibiegh oggetti ta' dik id-ditta. Jirreferi wkoll ghax-xiehda ta' Josephine Caruana, impjegata tieghu li kienet tiehu hsieb l-ordnijiet u l-*paperwork* u li qalet li kien ovvju li l-prodotti elevati mill-Pulizija ma kinux tad-ditta *Louis Vuitton* ghaliex kienu qed jinbieghu bil-prezz ta' Lm5.90 biss u l-materjal taghhom kien sintetiku. L-appellant Micallef ikompli jissottometti:

"9. Illi oltre dan ghandu jigi sottolineat li fil-kors tas-sottomissjonijiet finali l-ufficjal prosekutur ikkonceda li dan il-kaz ma kellu x'jaqsam xejn ma' *copyright* u fil-fatt l-esponent gie lliberat mit-tieni imputazzjoni. Il-Qorti tal-Magistrati gustament illiberat ukoll lill-esponent mill-ewwel imputazzjoni, ossia imputazzjonijiet, u dan peress li rrikonoxxiet li l-element formali kien nieqes peress li ma kellu ebda intenzjoni li jinganna lill-konsumatur billi jispaccja dan il-prodott bhala wiehed originali *Louis Vuitton*. Huwa proprju ghalhekk li t-tielet imputazzjoni trid

titpogga fil-perspettiva proprja taghha billi wiehed janalizza u jifhem x'qed tittutela l-ligi bil-kreazzjoni ta' dan ir-reat *sui generis*.

"10. Illi l-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha rrikonoxxiet dak sottomess mill-esponent li r-reat kontemplat fl-artikolu 298 tal-Kodici Kriminali huwa wiehed separat u distint minn dak kontemplat fl-artikolu 72(1) ta' l-Att dwar it-*Trademarks*. Issa filwaqt li l-element materjali ta' dawn ir-reati huma pjuttost simili, l-istess ma jistax jinghad ghall-element formali in kwantu hemm bahar jaqsam ghar-rigward ta' dak li qed tittutela l-ligi. Bizzejjed jinghad li bl-imsemmi artikolu 298, il-legislatur qed jittutela lill-konsumatur milli jigi ingannat b'*trademark* kontraffatta u huwa proprju ghalhekk li tali disposizzjoni giet klassifikata taht is-sub-titolu li jittratta 'Fuq il-Frodi'. Fil-fatt, kif inghad fis-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Anthony Troisi** (12.12.1997), b'dan ir-reat il-ligi trid tipprotegi lix-xerrej, u ghalhekk il-kapacita` li jqarraq hija konsidrata bhala element essenzjali tad-delitt. Invece bl-artikolu 72(1) ta' l-Att dwar it-*Trademarks*, il-ligi qed tipprotegi mhux lix-xerrej izda lill-proprjetarju tat-*trademark* in kwistjoni. Ghalhekk qed jigi sottomess li filwaqt li l-Ewwel Qorti kienet korrettissima meta ddikjarat li l-ewwel u t-tielet reati addebitati lill-esponent kienu separati u distinti minn xulxin, jinghad bl-akbar rispett li l-konsiderazzjoni taghha fir-rigward ta' l-element formali tar-reat kontemplat fl-imsemmi artikolu 72(1) ma humiex korretti in kwantu ma seta' qatt jigi injorat is-subinciz (3) ta' l-istess artikolu peress li l-fattispeci partikolari tal-kaz kienu jinkwadraw fih.

"11. Illi s-subinciz (3) tal-artikolu 72(1) tal-Att dwar it-*Trademarks* jipprovdi kif gej: *'Persuna li tigi akkuzata b'reat kontra dan l-artikolu tista' tghid b'difiza li kienet tahseb fuq bazi ragonevoli li l-uzu tas-sinjal bil-mod kif dan intuza, jew kellu jintuza, ma kienx ksur tat-trademark registrata."* Issa din id-disposizzjoni trid necessarjament titpogga fil-kuntest proprju taghha fis-sens li, in kwantu bl-Att in generali qed jigi tutelat il-proprjetarju tat-*trademark*, trid issir distinzjoni bejn vjolazzjoni ta' natura purament civili u vjolazzjoni ta' natura penali. Issa a differenza ta',

per ezempju, l-Att dwar l-Istampa fejn ma hemmx linja ta' dimarkazzjoni bejn l-azzjoni civili u l-azzjoni kriminali, fl-Att dwar it-*Trademarks* il-legislatur qed jaghmilha cara li ghalkemm l-uzu ta' *trademark* minghajr il-kunsens tal-proprjetarju tista' twassal kemm ghal responsabbilta` civili kif ukoll ghal responsabbilta` kriminali, sabiex tigi radikata responsabbilta` ta' natura penali, l-element materjali jrid jigi akkumpanjat minn element formali ta' natura specifika, liema element formali jigi nieqes jekk l-agent jahseb fuq bazi ragonevoli li l-uzu tas-sinjal ma kienx ksur tat-*trademark* registrata. Ghalhekk, anke in kwantu d-disposizzjoni msemmija hija ta' natura straordinarja ghal ragunijiet ovvji, ma jistghu qatt jigu ekwiparati l-azzjoni civili u l-azzjoni kriminali, anke jekk biss tacitament.

"12. Illi f'dan il-kaz kollox jindika li l-esponent haseb fuq bazi ragonevol illi l-uzu tas-sinjal ma kienx ksur tat-*trademark* registrata. Dan qed jinghad ghal diversi ragunijiet, fosthom il-fatt li l-basktijiet elevati u mertu tal-kawza kienu jikkostitwixxu ammont zghir u minimu hafna mill-mijiet ta' prodotti li kien qed ibiegh; il-fatt li dawn l-oggetti mhux talli ma kinux mohbija talli kienu esposti fuq l-ixkaffar mal-prodotti l-ohrajn u addirittura dehru fuq ir-reklam pubblikat fil-*magazine* 'The Bargain'; il-fatt li l-prezz taghhom kien baxx hafna tant li l-qliegh kien necessarjament irizorju; u l-fatt li l-esponent cahad kategorikament li dawn kienu oggetti tad-ditta *Louis Vuitton* tant li *a tempo vergine* l-esponent qal li ma kienx jaf li l-oggetti elevati jixbhu l-prodotti tad-ditta *Louis Vuitton*. Bilkemm hemm ghalfejn jinghad li dak li stqarr l-esponent lill-Pulizija ghandu importanza kbira ghal dak li jirrigwarda l-element formali ta' dan ir-reat partikolari. Ghaldaqstant in vista ta' dak li jiddisponi s-subinciz (3) ta' l-imsemmi artikolu 72, l-opinjoni ta' l-esponent tkompli turi kemm kien *in buona fede* meta espona l-oggetti mertu tal-kawza ghal bejgh.

"13. Illi l-element formali rikjest ghar-reat kontemplat fl-artikolu 72 ta' l-Att dwar it-*Trademarks* huwa wiehed specifiku u mhux generiku in kwantu huwa definit mill-istess ligi bhala 'bil-ghan li tiehu vantagg ghaliha nnifisha jew ghal persuna ohra, jew bil-hsieb li tikkaguna telf lil xi

persuna ohra”. L-Ewwel Qorti osservat li l-intenzjoni ta’ l-imputat li jaghmel gwadann tirrizulta ampjament. Jinghad bl-akbar rispett li ghalkemm ma hemmx dubju li l-intenzjoni ta’ kull negozjant, inkluz l-esponent, huwa dak li jaghmel gwadann, il-gwadann li ghandu semmai jigi sindikat bir-reat in dizamina ma huwiex il-gwadann li l-esponent kien ser jaghmel f’dan il-kaz, u cioe` gwadann fuq baskett li kien ser jinbiegh ghall-prezz ta’ hames liri u disghin centezmu (Lm5.90). Il-gwadann li din il-ligi qed tipprojbixxi huwa l-gwadann a detriment tal-proprjetarju u l-bejgh ta’ baskett bil-prezz ta’ hames liri u disghin centezmu (Lm5.90) meta huwa risaput li wiehed tad-ditta *Louis Vuitton* simili jiswa mill-anqas elf euro (€1,000) ma jikkostitwix l-element tal-‘gwadann’ rikjest mil-ligi.

“14. Illi finalment l-esponent jaghmel referenza ghall-paragrafu (b) tas-subinciz (2) ta’ l-imsemmi artikolu 72 skond liema disposizzjoni sabiex persuna tkun tista’ tinstab hatja tar-reat addebitat lill-esponent, it-*trademark* irid ikollha reputazzjoni f’Malta u l-uzu tas-sinjal jiehu jew kieku jiehu vantagg mhux gust ta’, jew ikun jew kieku jkun detrimentali ghax-xorta distintiva jew ir-reputazzjoni tat-*trademark*.

“15. Illi ma jistax ikun hemm dubju li r-reputazzjoni ta’ *trademark* tmur ben oltre l-fatt li din tkun giet registrata hawn Malta. Li kieku ma kienx hekk, dan il-paragrafu huwa biss *dead letter*. Huwa risaput li hawn Malta ma hawnx hwienet *Louis Vuitton* u lanqas ma jinbieghu oggetti ta’ din id-ditta. Ghalhekk kien jispetta lill-prosekuzzjoni li taghmel il-prova dwar ir-reputazzjoni ta’ din it-*trademark*, haga li naqset milli taghmel u, ghalhekk biss u bla pregudizzju ghal dak li ntqal aktar ’il fuq, l-esponent kellu jigi lliberat mit-tielet imputazzjoni addebitat kontrih.”

Issa, hija hatja ta’ reat kontra l-artikolu 72 tal-Kap. 416 tal-Ligijiet ta’ Malta kull persuna li taghmel xi haga minn dak kontemplat fil-paragrafi (a) sa (g) tas-subartikolu (1) ta’ l-imsemmi artikolu 72, u dan **“bil-ghan li tiehu vantagg ghaliha nnifisha jew ghal persuna ohra, jew bil-hsieb li tikkaguna telf lil xi persuna ohra, u minghajr il-**

**kunsens tal-proprjetarju”**. Skond l-appellant Micallef, il-“gwadann” li tikkontempla l-ligi mhuwiex il-gwadann li seta’ kien se jaghmel hu, izda l-gwadann a detriment tal-proprjetarju. Din il-Qorti ma taqbilx. Minn kif inhu redatt l-artikolu 72, l-ewwel element irid ikun l-ghan li persuna tiehu vantagg ghaliha nnifisha jew ghal persuna ohra JEW bil-hsieb li tikkaguna telf lil xi persuna ohra. L-element l-iehor irid ikun li dan isir minghajr il-kunsens tal-proprjetarju. Ghalhekk huwa sufficjenti li persuna tkun qed tiehu vantagg ghaliha nnifisha u ma jkunx hemm il-kunsens tal-proprjetarju sabiex ikun jezisti l-element formali ta’ dan ir-reat. Kien x’kien il-gwadann li ghamel jew li seta’ kien se jaghmel l-appellant Micallef huwa mmaterjali.

Issa, m’hemm l-ebda dubju li l-basktijiet u portmonijiet in kwistjoni m’humiex tad-ditta *Louis Vuitton*. Mill-banda l-ohra, kif qalet l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha, “ma’ l-ewwel daqqa t’ghajn jirrizulta immedjatament li fuq l-oggetti elevati mill-hanut ta’ l-imputat hemm riprodotti l-ittri ‘LV’ kif distintivament riprodotti kif ukoll it-‘twin monogram’”. L-appellant Micallef xtara dawn l-oggetti minn Sqallija flimkien ma’ konsenja akbar u li hu *ex admissis* fix-xhieda tieghu ghazel meta mar Sqallija. Dawn l-oggetti esponihom ghall-bejgh fil-hanut tieghu f’San Gwann. Ghalkemm qal fl-istqarrija tieghu lill-Pulizija li ma kienx jaf li l-oggetti huma allegatament imxebbhin mad-ditta *Louis Vuitton*, mill-istess stqarrija jirrizulta li kien minn dejjem “fil-qasam tal-*business*”, li ma saqsiex dwar il-provenjenza ta’ dawn l-oggetti u lanqas ma talab xi certifikat ta’ originalita`. Mix-xiehda tieghu jirrizulta li kien ilu xi sentejn li kien fetah zewgt ihwienet taz-zraben. Imbaghad il-proprjetarju tat-*trademark* mhux biss ma tax il-kunsens tieghu, izda sahansitra gieghel li jigu istitwiti dawn il-proceduri.

L-appellant Micallef jilmenta li l-ewwel Qorti ma qisitx dak li jipprovdi s-subartikolu (3) ta’ l-artikolu 72 tal-Kap. 416 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe`: **“Persuna li tigi akkuzata b’reat kontra dan l-artikolu tista’ tghid b’difiza li kienet tahseb fuq bazi ragonevoli li l-uzu tas-sinjal bil-mod kif dan intuza, jew kellu jintuza, ma kienx ksur tat-**

**trademark registrata."** Li l-appellant Micallef kellu numru zghir minn dawn l-oggetti fost kwantita` kbira li kien xtara, li kienu esposti ghall-bejgh, li rreklamhom, li l-prezz kien baxx hafna u li fl-istqarrija qal li ma kienx jaf li l-oggetti elevati jixbhu dawk ta' *Louis Vuitton*, jirrizulta. Il-kwistjoni pero` mhijiex jekk kienx hemm ftit jew hafna oggetti jew jekk kinux qeghdin jinbieghu bi prezz irizorju. Li fil-fehma ta' din il-Qorti ma rnexxilux jipprova l-appellant Micallef hu li, bl-*istandard* tal-bniedem ragonevoli, ghalih l-uzu tas-sinjali jew marki fuq l-oggetti in kwistjoni ma kienx ksur tat-*trademark* tad-ditta *Louis Vuitton*.

Fl-ahharnett l-appellant Micallef jghid li anke a bazi tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 72 tal-Kap. 416 tal-Ligijiet ta' Malta kellu jigi lliberat. Dan is-subartikolu jipprovdi:

**"Persuna ma taghmilx reat kontra dan l-artikolu hlief meta -**

**(a) l-oggetti li dwarhom isir ir-reat ikunu oggetti li dwarhom tkun registrata t-*trademark*, jew**

**(b) it-*trademark* ikollha riputazzjoni f'Malta u l-uzu tas-sinjal jiehu jew kieku jiehu vantagg mhux gust ta', jew ikun jew kieku jkun detrimentali ghax-xorta distintiva jew ir-riputazzjoni tat-*trademark*."**

Minn din id-dicitura huwa evidenti illi l-ligi tipprovdi zewg alternattivi. Ghalhekk, jekk il-prosekuzzjoni tipprova illi t-*trademark* tkun registrata, m'ghandhiex ghalfejn tipprova wkoll illi dik it-*trademark* ghandha reputazzjoni f'Malta; u vice-versa. F'dan il-kaz saret il-prova tar-registrazzjoni tat-*trademarks* ta' *Louis Vuitton* (ara dokumenti esibiti minn John Richards, *principal* fl-Ufficcju tal-Proprjeta` Industrijali a fol. 50 sa 76).

Ghal dawn ir-ragunijiet l-appell ta' Mark Micallef ma jistax jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell ta’ Mark Micallef izda tilqa’ in parti l-appell ta’ l-Avukat Generali billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu ma sabitux hati ta’ l-ahhar parti ta’ l-ewwel imputazzjoni li taqa’ taht il-paragrafu (f) tas-subartikolu (1) ta’ l-artikolu 298 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u minflok issib lill-imsemmi Mark Micallef hati wkoll talli xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghall-hsieb ta’ kummerc, merkanzija b’marka, sinjal jew emblema imxebbhin b’qerq, u cioe` basktijiet u accessorji bil-marki tad-ditta *Louis Vuitton*, u, bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tiddikjara din il-parti ta’ l-ewwel imputazzjoni assorbita fit-tielet imputazzjoni u konsegwentement tikkonferma s-sentenza appellata ghal dak li jirrigwarda l-piena erogata, u tikkonfermaha wkoll fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------